MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2008

Rikors Numru. 297/2007/1

**Fl-atti tac-Citazzjoni Nru 297/07AL**
**fl-ismijiet**
**Erhan Company Ltd (C21453)**
**vs**
**Joseph Mary u Anna konjugi Portelli ID536861(M) u ID371660(M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti Joseph u Anna konjugi Portelli fil-25 ta' April, 2007, li *in forza* taghha, wara li esponew :
IIli pendenti dawn iI-proeeduri u in kawtela ta' I-istess is-socjeta attrici ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront taghhom mandat numru  fl-ammont hemm indikat;

Illi l-esponent qieghed presenzjalment jitlob li dan is-sekwestru ghandu jigi revokat u dan fit-termini ta' l-artikolu 836(1) (c) tal-Kap. 12 peress li huma jistghu joffru garanzija ohra idoneja a sodisfazzjoni tal-Qorti sufficjenti biex taghmel tajjeb ghall-pretenzjonijiet attrici;

Illi in effetti kontestwalment huwa qed jesebixxi bhala Dok JP 1 kuntratt ta' akkwist ta' proprjeta numru 1, Triliton Court, Triq il-Klamari, St. Ignatius Bay, Qawra, St Paul's Bay, liema post huwa lest jirregistra ipoteka fuqu a favur is-socjeta attrici in kawtela tal-pretenzjonijiet taghha kollha;

Illi in effetti l-mandat ta' sekwestru qieghed jirrekalu pregudizzju minhabba l-generu tan-negozju tieghu;

Talbu ghaldaqstant li din il-Qorti jogghobha, prevja dawk il-provedimenti li jkun jidhrilha opportuni, thassar il-mandat ta' sekwestru hawn fuq indikat;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Mejju 2007;

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata Erhan Company Limited, li *in forza* taghha hija issottomettiet :

1. Illi s-socjeta' esponenti toggezzjona ghall-revoka tal-mandat ta' sekwestru ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi r-rikorrenti konjugi Portelli ma pprezentaw l-ebda stima tal-fond fuq liema huma qed joffru li jirregistraw l-ipoteka u ghalhekk m'humiex f'posizzjoni li jikkunsidraw jekk huwa sigurta alternattiva adegwata jew le;
ii. Illi r-rikorrenti ma pprezentaw l-ebda ricerki biex jigu determinati xi djun ohra jistghu ikollhom u hemm xi ipoteki ohra specjali registrati fuq l-istess fond, liema ipoteka ovvjament jeffetwaw l-effett tal-ipoteka offerta mir-rikorrenti;
iii. Illi s-socjeta' esponenti m' hijiex f' posizzjoni li tevalwa jekk il-fond huwiex fil-pussess battal jew le u anke jekk huwa fil-pusess battal u kellha tigi registrata ipoteka, is-socjeta esponenti m'ghandha l-ebda kontroll fuq il-

possibilita li r-rikorrenti jikru l-fond lil terzi biex b'hekk jimininizzaw l-effett ta' ipoteki li tista' tkun registrata favur is-socjeta' esponenti;

iv. Illi l-process biex tigi esegwita ipoteka specjali hija notarjament ghalija u twila, inkwantu tinkludi hlas ta' perit tekniku biex jaghmel stima tal-fond, hlas ta' avvizi fil-gazzetti tad-dati tal-bejgh bis-subbasta ecc liema spejjez ovvjament ikollhom ihallsuhom is-socjeta' esponenti f'kaz li l-kawza tintrebah u, is-socjeta' esponenti ma tithallasx u jkollha tesegwixxi fuq l-ipoteka specjali;

v. Illi a kuntrarju ta' din l-esekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru huma hafna anqas onoruz in kwantu tinvolvi biss depozitu tal-flus li jigu sekwestrat, u rilaxx tal-flus favur is-sekwestru f'kaz ta' ezitu posittiv tal-kawza;

vi. Illi r-rikorrent ma gab l-ebda provi jew indikazzjoni tal-"pregudizzju" li l-mandat ta' sekwestru allegatament qed jikkrejjalu u ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandhix toqghod tezercita d-diskrezzjoni taghha biex tirrevoka mandat ta' sekwestru approvat mill-Qorti u validament mahrug;

Ghaldaqstant ir-ragunijiet is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad ir-rikors tal-konjugi Portelli ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru mahrug mis-socjeta' esponenti;

Semghet lix-xhieda li tressqu, rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti kollha;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti ta' l-artikolu 836(1) (c) tal-Kap. 12;

Ghaldaqstant, filwaqt illi tilqa' t-talba u thassar il-mandat ta' sekwestru numru 384/07 tordna illi r-rikorrenti ma jbieghux jew b'xi mod jittrasferixxu jew jiddisponu minn jew jikru jew ighabbu b'ipoteki jew privileggi, generali jew specjali, is-segwenti proprjetajiet :

Il-garage numru 15, fit-tieni livell taht l-art ta' Belvedere Court, Triq it-Trill, Qawra,

Il-garage numru 22, fit-tieni livell taht l-art ta' Belvedere Court, Triq it-Trill, Qawra,
Il-garage numru 23, fit-tieni livell taht l-art ta' Belvedere Court, Triq it-Trill, Qawra,

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------